MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 530/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef Borg**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Josef Borg, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 578391(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-14 ta' April 2012 għall-ħabta ta' 14:30 fi Triq il-Buskett, limiti ta' Ħad-Dingli, u f'dawn il-Gżejjer:

(1) saq vettura Nru. GBH-156 meta kellu l-liċenzja tas-sewqan sospiża u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq vettura b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 25 ta' Ottubru 2011 (Maġt. Dr. F. Depasquale LL.D.);

(2) saq vettura Nru. GBH-156 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta;

(3) b'hekk saq l-imsemmija vettura GBH-156 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(4) ikkommetta reat li hu punibbli bil-priġunerija waqt il-perijodu attiv tas-sentenza sospiża mposta fuqu fit-28 ta' Ottubru 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġt. Dr. S. Demicoli LL.D.;

(5) sar reċidiv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datati 25 ta' Ottubru 2011 (Maġt. Dr. F. Depasquale LL.D.), 3 ta' Lulju 2008 u fit-28 ta' Ottubru 2009 (Maġt. Dr. S. Demicoli LL.D.), u fil-25 ta' Diċembru 2007 (Maġt. Dr. L. Quintano LL.D.) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Josef Borg jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2012 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, artikoli 28A, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Josef Borg ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' sena priġunerija u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien sena mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Josef Borg ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2012 fejn talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata bill (1) tikkonferma ħtija a tenur tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet; (2) tirrevoka l-ħtija a tenur ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija; (3) tirrevoka l-applikazzjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-piena msemmija fir-raba' imputazzjoni; (4) kwantu l-ħames imputazzjoni tiddikjara illi l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali ma jirriżultax; u (5) tbiddel il-piena għal waħda aktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ma setgħetx tinstab ħtija taħt l-ewwel imputazzjoni stante li ma saritx il-prova kif kellha ssir;

(2) tenut kont ta' imputazzjonijiet oħra li biha ġie rinfaċċat li jittrattaw inċident tat-12 ta' Frar 2012, ma jistax jerġa' jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni; (3) li, għalkemm tirriżulta r-reċidiva ai termini ta' l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, ma tirriżultax ir-reċidiva ai termini ta' l-artikolu 50; (4) li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħra, kellha tingħata piena aktar miti.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jgħid illi mill-atti ma jirriżultax li ġiet ippreżentata vera kopja tas-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011. Jirreferi għall-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012 fejn hemm indikat li l-prosekuzzjoni esebiet tliet sentenzi, liema sentenzi huma dawk tal-25 ta' Diċembru 2007, tat-3 ta' Lulju 2008 u tat-28 ta' Ottubru 2009. Issa, mill-proċess jirriżulta li s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011 fil-fatt tinsab fl-atti a fol. 17 u 18, u waqt it-trattazzjoni id-difensur ta' l-appellant esprimiet is-sorpriża tagħha kif tinsab in atti meta anke l-verbal kien jitkellem dwar tliet sentenzi u mhux erbgħa.

**7.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li l-verbal tat-30 ta' Ottubru 2012 jitkellem dwar tliet sentenzi u mhux erbgħa jista' jiġi attribwit biss għal żball li ttieħed minn min għodd is-sentenzi. L-erbgħa sentenzi huma mpaġnati kollha wara xulxin bejn l-affidavit ta' P.S. 1195 C. Debattista u l-fedina penali ta' l-appellant. Barra minn hekk m'hemm l-ebda dubju li s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011 tirreferi għall-appellant – dan jirriżulta kemm mill-konnotati (inkluż in –numru tal-karta ta' l-identita`) kif ukoll hu korroborat mill-fedina penali. Is-sentenza esebita hija kopja legali (ara timbru fuq it-tieni paġna) u minnha jirriżulta li dakinhar li ngħatat l-appellant kellu l-liċenzja tas-sewqan sospiża għal sena. L-inċident in kwistjoni seħħ fl-14 ta' April 2012. Għalhekk dakinhar l-appellant kellu l-liċenzja tiegħu sospiża. Konsegwentement l-ewwel aggravju hu respint.

**8.** Din il-Qorti, pero`, ma tistax ma tosservax – kif kellha okkażjonijiet oħra li tosserva – li kwistjonijiet bħal dawn m'għandhomx jinqalgħu jekk issir il-preżentata fuq kull dokument li jiġi esebit, fejn id-deputat reġistratur jikteb id-data tal-preżentata u minn min ikun ġie esebit id-dokument u jagħti anke referenza lid-dokument.

**9.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-fatt illi fit-30 ta' Ottubru 2012 ingħataw żewġ sentenzi fil-konfront ta' l-appellant u fihom t-tnejn instab ħati ta' l-imputazzjoni li kkommetta r-reati in kwistjoni waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija. Peress illi fl-appell numru 429/12 (l-appell li jirreferi għall-inċident tat-12 ta' Frar 2012) l-appellant ġie dikjarat mhux ħati, allura m'hemmx lok li din il-Qorti tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-aggravju ta' l-appellant u sejra tikkonsidra biss jekk l-inċident hawn in eżami ta' l-14 ta' April 2012 seħħx matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża.

**10.** Is-sentenza sospiża in kwistjoni hi dik li għaliha tirreferi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2009. Is-sentenza sospiża (estiża) kienet għal tliet snin minn dik id-data. Jiġifieri meta seħħ l-inċident ta' l-14 ta' April 2012 il-perijodu ta' tliet snin kien għadu ma ddekorriex. Evidentement l-ewwel Qorti ma ġabitx dik is-sentenza fis-seħħ. M'hemmx dubju illi allura d-dikjarazzjoni ta' ħtija fir-rigward tar-raba' imputazzjoni sejra tiġi kkonfermata. L-ewwel Qorti evidentement astjeniet milli ġġib is-sentenza fis-seħħ u ġaladarba m'hemmx appell mill-Avukat Ġenerali f'dan ir-rigward, il-pożizzjoni tibqa' inalterata.

**11.** Permezz tat-tielet aggravju tiegħu l-appellant isostni illi ma setax jinstab ħati tar-reċidiva ai termini ta' l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. F'dar-rigward jirreferi għall-artikoli 28A(5A) u 28F tal-Kodiċi Kriminali. Jgħid illi s-sentenzi li għalihom irreferiet il-prosekuzzjoni jinkwadraw ruħhom f'dawn id-disposizzjonijiet.

**12.** L-ewwelnett, għal dak li jirrigwarda sentenza sospiża ta' priġunerija, jekk il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża jkun għadu ma skadiex, il-persuna li tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu operattiv tista' titqies bħala reċidiva skond l-artikolu 49 tal-Kap. 9 iżda mhux ukoll skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9[1]. F'dan il-kaz, is-sentenza sospiża hija dik tat-28 ta' Ottubru 2009 li, meta seħħ l-inċident ta' l-14 ta' April 2012, kienet għadha ma skadietx. Għalhekk f'dak ir-rigward mhux applikabbli l-artikolu 50.

**13.** Fir-rigward tas-sentenzi tal-25 ta' Diċembru 2007, tat-3 ta' Lulju 2008 u tat-28 ta' Ottubru 2009 jirriżulta li l-appellant kien ġie kkundannat ukoll għall-ħlas ta' multi. Skond l-artikolu 665 tal-Kodiċi Kriminali, dawn għandhom jiġu esegwiti minnufih. L-artikolu 50 hu b'hekk applikabbli fir-rigward ta' l-imsemmijin sentenzi. Kwantu mbagħad is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011 fejn ġie wkoll ikkundannat għall-ħlas ta' multa, huwa ngħata sentejn biex iħallas,

---

[1] L-artikolu 28A(5A) tal-Kap. 9 jipprovdi: **"Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F, il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv oriġinali msemmi fis-subartikolu (1) jew tal-perjodu operattiv magħmul minfloku kif provdut fl-artikolu 28B(2)(*b*)"** L-artikolu 28F tal-Kap. 9 jipprovdi: **"Meta l-qorti tkun qeghda tittratta ma' hati dwar reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, hija ghandha tqisu bhala recidiv fit-tifsir ta' l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jisthoqq ghal dak ir-reat l-iehor, izda l-piena moghtija fis-sentenza sospiza ma ghandhiex titqies ghall-finijiet ta' l-artikolu 50 hlief jekk dik is-sentenza tkun bidet issehh u sakemm dik il-piena ma tkunx giet skontata jew mahfura."** L-artikolu 49 tal-Kap. 9 jipprovdi: **"Persuna titqies recidiva jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor."** L-artikolu 50 tal-Kap. 9 jipprovdi: "**Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor."**

liema perijodu kien għadu ma skadiex meta seħħ l-inċident in kwistjoni. Għalhekk l-artikolu 50 mhux applikabbli fir-rigward ta' din is-sentenza.

**14.** L-aħħar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jgħid illi hemm ċirkostanzi li l-ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni. Per eżempju l-fatt li f'żewġ każijiet kien għadu minorenni ta' sittax-il sena; il-fatt li l-ħtija skond l-artikolu 59 tal-Kap. 65 ma ġġibx neċessarjament piena karċerarja; il-fatt li huwa mhuwiex xi kriminal ta' perikolu għas-soċjeta`; li huwa għandu impjieg u familja u qed jipprova jimxi fit-triq it-tajba.

**15.** Din il-Qorti ħadet nota tas-sottomissjonijiet ta' l-appellant fir-rikors ta' appell tiegħu u tas-sottomissjonijiet li saru waqt it-trattazzjoni orali. Innutat ukoll illi skond l-fedina penali aġġornata l-aħħar kundanna dwar l-istess natura ta' reati, minbarra dak odjern, tirrisali għal dak li seħħ fit-13 ta' Frar 2011. Huwa fattur pożittiv ukoll li qiegħed jiġi segwit minn uffiċjal tal-*probation*. L-appellant, pero`, irid jagħraf darba għal dejjem illi s-sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja u, aktar u aktar, mingħajr kopertura assikurattiva, huma reati serji li jistgħu jwasslu għal konsegwenzi gravi jekk ikun involut f'xi inċident fejn huwa jkun pperikola l-inkolumita` tan-nies. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti sejra tagħti l-aħħar opportunita` lill-appellant sabiex jirredimi ruħu u minflok piena karċerarja timponi piena pekunjarja.

**16.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatu sena priġunerija u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' €4,658.75. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li l-perijodu ta' sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------